MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 19/2005/1

**Josephine Busuttil (ID 545125M);**
**Anna D'Amato (ID 476032M) f'isimha u f'isem l-assenti Catherine Farrugia; Angelo Schembri (ID 62927M); Maria Camilleri (ID 159734M) flimkien ma' Joseph Schembri (ID 1026946M); Maria Carmela Brincat (ID 520148M); Catherine Cachia (ID 629750M); Anthony Schembri (ID 750353M); Raymond Schembri (ID 667517M); Mario Schembri (ID 585361M); Peter Schembri (ID 156464M); Joseph Farrugia (ID 277368M) u Katerina Schembri (ID 168126M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid :

Illi huma ghadhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data l-1 t'Awissu 2005 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponent is-somma tal-elfejn mija u ghoxrin lira (Lm2,120) ta' bicca art ta' kejl ta' cirka tletin metru kwadru (30m2) fi Triq Hompesh, inhawi tal-Bambina ta' Harbux, Zurrieq indikata fl-Avviz tal-Gvern numru 643 tal-21 ta' Lulju 2003 ghax-xiri assolut , liberu u frank (L240/2002);

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw dina l-offerta u qeghdin jindikaw is-somma ta' tnax-il elf u hames mitt lira (Lm12,500) bhala s-somma li jippretendui bhala kumpens ghall-imsemmija porzjon art u dana skond stima  tal-AIC Saviour Borg datata 17 t'Awissu 2005, original anness bhala Dok B;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu li dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-artiklu 22 Kap 88;

Ra ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi fit-13 t'Ottubru 2005 l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 22 ta' Awissu 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mil-Gvern ta' elfejn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,120) ghax-xiri assoluat bhala liberu u frank tal-art gewwa z-Zurrieq tal-kejl ta' madwar tletin (30) metru kwadru u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' tnax-il elf u hmaes mitt lira Maltin (Lm12,500);

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust tal-fond huwa dak fuq citat u cioe' l-ammont ta' elfejn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,120) hekk kif jigi ppruvat fil-mori tar-rikors, li huwa dak l-ammont li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Lulju 2005 permezz ta'Avviz numru 643;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' elfejn mija u ghoxrin lira Maltin (Lm2,120) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-art fuq ismemmija;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-partijiet ma ressqu ebda prova hlief ghall-istima tal-perit arkitett tar-rikorrenti li kienet annessa mar-rikors promutur;

Illi f'din il-materja il-Bord kien assistit mill-perit membri tieghu l-AIC Michelangelo Refalo u l-AIC Godfrey Vella u dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

"Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont tal-kwalita' tal-art li hija vicin l-iskola u l-iskemi tal-bini u li a termini tal-Ligi hi art fabrikabbli, u l-fatt li din tinsab ezatt ma' triq pubblika, ghandu jkun ta' ghaxart elef u mitejn lira maltin (Lm10,200) jigifieri bil-prezz ta' tlett mija u erbghin lira (LM340 per s.m) il-metru kwadru.

Ghalhekk il-Bord, in vista tal-valur unanimu da parti tal-membri teknici, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghax-xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art li qed tkun dikjarata fabrikabbli ta' kejl ta' cirka tletin metru kwadru (30m2) fi Triq Hompesh, inhawi tal-Bambina ta' Harbux, Zurrieq indikata fl-Avviz tal-Gvern numru 643 tal-21 ta' Lulju 2003 (L240/2002) fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf seba mija disa u hamsin euro u wiehed u sittin centezmu (Euro 23,759.61) ekwivalenti ghall-ammont ta' Lm10,200 deciz mill-periti tal-Bord oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-

differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------